# MALTA

**ATT Nru. X ta' l-1988**

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

**ATT biex jirregola l-għoti ta' permessi għat-tlugħ u demolizzjoni ta' bini, u sabiex jagħmel dispożizzjonijiet oħra supplimentari għal dan.**

**ACT No. X of 1988**

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

**AN ACT to regulate the grant of permits for the erection and demolition of buildings, and to make other provisions supplementary thereto.**

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

PAUL XUEREB
Aġent President

25 ta' Marzu, 1988

## ATT Nru. X ta' l-1988

*ATT biex jirregola l-għoti ta' permessi għat-tlugħ u demolizzjoni ta' bini, u sabiex jagħmel dispożizzjonijiet oħra supplimentari għal dan.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

**1.** (1) Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1988 dwar Permessi ta' Bini (Provvedimenti Temporanji). Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

(2) Dan l-Att, ħlief għal dan l-artikolu, għandu jidħol fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru jista' b'ordni jistabilixxi fil-Gazzetta, u dati differenti jistgħu jiġu hekk stabbiliti għal dispożizzjonijiet differenti ta' l-Att.

**2.** (1) F'dan l-Att, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra: Tifsir.

"Area għall-Iżvilupp tal-Bini" u "Pjan għall-Iżvilupp tal-Bini" għandhom l-istess tifsir kif kien mogħti lilhom bl-Att ta' l-1983 dwar Arei għall-Iżvilupp tal-Bini; Att Nru. I ta' l-1983

"Kodiċi" tfisser il-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija; Kap. 10

"Kumitat tal-Kamra" tfisser kumitat magħżul tal-membri tal-Kamra tad-Deputati li jkun magħmul minn ħames membri, li minnhom wieħed ikun il-Ministru, li jkun ukoll *Chairman,* u erbgħa oħra maħtura mill-Kamra, li minnhom tnejn ikunu minn fost membri li jkunu jappoġġaw lill-Gvern u t-tnejn l-oħra jkunu minn fost membri mill-Oppożizzjoni; il-Kamra għandha taħtar ukoll membru sostitut għal kull wieħed mill-imsemmija erba' membri, liema membru sostitut li jkun maħtur minn fost l-istess naħa tal-Kamra tal-membru li jkun sostitut

għalih, jattendi għal laqgħat tal-Kumitat tal-Kamra meta l-membru li tiegħu jkun sostitut ikun indispost jew għal xi raġuni oħra ma jkunx jista' jattendi;

"Area Żviluppata" tfisser l-arei li fid-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att kienu mibnijin jew b'xi mod ieħor kienu kommessi għal bini bi żvilupp eżistenti jew billi jkunu ġew provduti għalihom triqat u servizzi muniċipali oħrajn; u tfisser ukoll arei li qabel għadda l-Att ta' l-1983 dwar Arei għall-Iżvilupp tal-Bini, kienu jaqgħu taħt proġetti regulaturi magħmulin skond il-Kodiċi, jew proġetti regulaturi dipartimentali u arei f'Għawdex indikati bħala arei ta' żvilupp; u dawk l-arei li wara li daħal fis-seħħ l-imsemmi Att ta' l-1983 dwar Arei għall-Iżvilupp tal-Bini, kienu skond dak l-Att dikjarati u approvati bħala Arei għall-Iżvilupp tal-Bini;

"Ministru" tfisser Ministru responsabbli għax-xogħlijiet;

"Permess" tfisser permess mogħti jew maħruġ għall-finijiet tat-Taqsima I tal-Kodiċi.

(2) F'dan l-Att, u fit-Taqsima I tal-Kodiċi:

(a) "persuna" tinkludi korp ġuridiku mwaqqaf b'liġi, dipartiment tal-Gvern u kull bord, kumitat jew korp ieħor li l-Ministru jista' jkun iddelegalhom setgħat taħt it-Taqsima I tal-Kodiċi; u

(b) meta reat taħt jew kontra xi dispożizzjoni li tinsab f'dan l-Att jew fit-Taqsima I tal-Kodiċi, jitwettaq minn korp ġuridiku mwaqqaf b'liġi jew minn dipartiment tal-Gvern jew minn bord, kumitat jew korp ieħor bħal dawk imsemmija fil-paragrafu (a) ta' dan is-subartikolu, kull min, fiż-żmien tat-twettiq tar-reat, kien *Chairman, manager,* segretarju, kap jew uffiċjal simili ieħor tal-korp ġuridiku jew tad-dipartiment, jew li kien *Chairman* jew membru ta' xi bord, kumitat jew korp ieħor bħal dawk imsemmijin qabel, jew ta wieħed x'jifhem li kien qiegħed jaġixxi f'kapaċità bħal dik, għandu jkun ħati ta' dak ir-reat sakemm huwa ma jġibx prova li huwa kien għamel ħiltu biex iżomm milli jitwettaq ir-reat jew li, minkejja li huwa kien għamel ħiltu, ir-reat twettaq mingħajr ma huwa kien jaf jew kontra l-volontà tiegħu.

Għanijiet tar-regolamentazzjoni ta' l-iżvilupp.

**3.** (1) Kull regolamentazzjoni ta' l-użu u l-iżvilupp ta' l-art għandha jkollha bħala l-għan tagħha, l-użu u l-iżvilupp fiżiku ottimali ta' l-art li jirrispetta l-ambjent u fl-istess waqt jiżgura illi ħtiġiet soċjali bażiċi tal-kommunità huma, sa fejn hu prattikabbli, sodisfatti.

(2) Kull pjan ta' struttura jew pjan ieħor ta' żvilupp għandu jipprovdi, fost ħwejjeġ oħra, għal:

(a) il-konservazzjoni ta' art agrikola, tal-widien, ix-xtut u postijiet oħra ta' sbuħija naturali, is-siġar, il-fawna u l-ambjent fiżiku in ġenerali;

(b) il-konservazzjoni tal-*watertable,* u sorsi oħra ta' ilma u riżorsi naturali oħra;

(ċ) il-konservazzjoni ta' art u bini ta' valur storiku;

(d) ir-riklamazzjoni ta' art minflok dik l-art agrikola li titħalla tiġi żviluppata għal skopijiet oħra;

(e) aċċess aħjar għax-xtut u arei oħra ta' interess naturali u interess storiku;

(f) il-promozzjoni ta' *home-ownership,* u għal dan il-għan, il-provvista ta' art bl-irħis għal bini u siti lil persuni li ma jkunux jistgħu jaslu għal valur għoli ta' proprjetà kawżata mir-restrizzjoni ta' l-iżvilupp u d-daqs tal-gżejjer u mill-bżonn li jiġi protett l-ambjent naturali.

**4.** (1) (a) Mhux aktar tard minn sentejn wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-artikolu, jew f'dak il-perijodu mġedded li l-Kamra tista' b'riżoluzzjoni tippermetti, il-Ministru għandu jħejji pjan ta' struttura għall-iżvilupp ta' l-art f'Malta b'implimentazzjoni ta' l-għanijiet elenkati fl-artikolu 3 ta' dan l-Att. Pjan ta' struttura.

(b) Il-Ministru għandu jara li dak il-pjan ta' struttura jitqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, u l-Kamra għandha b'riżoluzzjoni tadotta jew tiċħad dak il-pjan flimkien ma' dawk it-tibdiliet fih li jkun jidhrilha xierqa.

(ċ) Pjan ta' struttura jista' jiġi revokat jew emendat b'riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati.

(2) Il-Ministru għandu jagħmel *survey* ta' Malta, li fih jiġu eżaminati dawk il-ħwejjeġ li jistgħu jolqtu l-iżvilupp jew l-ippjanar ta' l-iżvilupp tagħha u għandu jinkludi: *Survey.*

(a) il-karatteristiċi prinċipali fiżiċi u ekonomiċi nklużi l-għanijiet prinċipali li għalihom tkun qegħda tiġi użata l-art;

(b) id-daqs, kompożizzjoni u distribuzzjoni tal-popolazzjoni;

(ċ) il-komunikazzjonijiet, sistema ta' trasport, u sistema ta' toroq;

(d) kull konsiderazzjoni li ma hijiex imsemmija f'xi wieħed mill-paragrafi ta' qabel li tista' tkun mistennija tolqot xi ħwejjeġ ġa msemmija bħalma huma: l-iżvilupp industrijali, l-agrikoltura, djar, l-edukazzjoni, il-konservazzjoni u l-preservazzjoni, ir-riżorsi naturali, il-mistrieħ, ir-rikrejazzjoni, it-turiżmu, is-servizzi pubbliċi u r-rimi ta' l-iskart; u

(e) dawk il-ħwejjeġ l-oħra li jistgħu jiġu stabbiliti mill-Ministru.

(3) Il-pjan ta' struttura għandu jkun dokument miktub li ma jkunx marbut ma' siti speċifikati: Pjan.

(a) li jkun jifformula l-*policy* nazzjonali ta' ppjanar u l-proposti ġenerali dwar l-iżvilupp u l-użu ieħor ta' l-art inklużi miżuri għat-titjib ta' l-ambjent fiżiku u t-tmexxija tat-traffiku;

(b) li jkun jinterpreta r-relazzjoni ta' *policies* nazzjonali f'dak li hu ppjanar fiżiku u ambjentali safejn dawn il-*policies* jirrigwardaw l-integrazzjoni tal-*policies* ekonomiċi, soċjali u ambjentali; u

(ċ) li jkun fih dawk il-ħwejjeġ l-oħra li jistgħu jiġu stabbiliti mill-Ministru.

Ġustifikazzjonijiet raġunati.

(4) Fil-formulazzjoni tal-*policy* u l-proposti ġenerali skond il-paragrafu (a) tas-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu, il-Ministru għandu jassigura li l-*policy* u l-proposti jkunu ġustifikati bir-riżultati tas-*survey* skond is-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu u b'kull informazzjoni oħra li huwa jista' jikseb u li jkollha x'taqsam:

(a) ma' *policies* kurrenti dwar l-ippjanar ekonomiku nazzjonali u oġġettivi ta' żvilupp nazzjonali;

(b) ma' riżorsi li x'aktarx ikunu meħtieġa għat-twettiq tal-proposti tal-pjan ta' struttura;

(ċ) ma' dawk il-ħwejjeġ l-oħra li jistgħu jiġu stabbiliti skond il-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu.

(5) Il-pjan ta' struttura għandu jkun fih jew ikun akkumpanjat minn dawk id-diagrammi, illustrazzjonijiet u informazzjoni deskrittiva li l-Ministru jista' jikkunsidra xierqa bil-għan li jispjega jew juri ċar il-proposti fil-pjan, u kull diagramma, illustrazzjoni u informazzjoni deskrittiva għandha titqies bħala li tagħmel parti mill-pjan.

(6) Matul iż-żmien ta' tħejjija tal-pjan ta' struttura qabel ma dan jiġi sottomess għall-adozzjoni tiegħu mill-Kamra skond il-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, il-Ministru għandu jara li jkun hemm parteċipazzjoni pubblika billi jipprovdi:

(a) illi tingħata pubbliċità adegwata lir-rapport tas-*survey* li jkun sar skond is-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu u lill-ħwejjeġ li jkun propost li jiġu nklużi fil-pjan;

(b) illi dawk il-persuni li jistgħu jkunu mistennija li jixtiequ jagħmlu kull kumment tagħhom lill-Ministru dwar dawk il-ħwejjeġ ikunu mgħarrfa li għandhom l-opportunità li jagħmlu dan; u

(ċ) illi dawk il-persuni jingħataw opportunità adegwata li jagħmlu dawk il-kummenti; u l-Ministru għandu jikkunsidra kull kumment illi jsirlu f'dak iż-żmien li jista' jiġi stabbilit minnu.

(7) Hekk kif il-Ministru jkun ħejja pjan ta' struttura, huwa għandu jippubblika abbozz ta' dak il-pjan li fih jindika ż-żmien li fih persuna tkun tista' tagħmel il-kummenti tagħha lilu dwar dak l-abbozz.

(8) Kemm jista' jkun malajr wara ż-żmien imsemmi fil-paragrafu ta' l-aħħar ta' qabel dan il-Ministru għandu jħejji abbozz finali tal-Pjan ta' Struttura b'dak it-tibdil li huwa jista' jqis xieraq wara li jikkunsidra kull kumment li seta' jkun sarlu skond is-subartikolu ta' qabel ta' dan l-artikolu, sabiex jissottomettih quddiem il-Kamra tad-Deputati skond is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu.

(9) (i) Meta pjan ta' struttura jkun ġie approvat skond is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, il-Ministru għandu jħejji pjani lokali għal arei partikolari ta' Malta. Pjani Lokali.

(ii) Il-pjani lokali msemmija fil-paragrafu (i) ta' dan is-subartikolu għandhom ikunu jikkonsistu f'mappa u tifsir miktub u għandhom:

(a) jiżviluppaw il-*policies* u proposti ġenerali tal-pjan ta' struttura u jirrelatawhom għal arei speċifiċi ta' art;

(b) jipprovdu bażi dettaljata għal kontroll ta' żvilupp;

(ċ) jipprovdu bażi dettaljata għall-ko-ordinament u d-direzzjoni ta' proposti sew pubbliċi sew privati għall-iżvilupp u użu ieħor ta' l-art; u

(d) ikun fihom dawk il-ħwejjeġ li l-Ministru jista' jistabbilixxi.

(iii) Il-pjan lokali għal kull area għandu jkun fih, jew ikun akkompanjat minn, dawk id-diagrammi, illustrazzjonijiet u informazzjoni deskrittiva li l-Ministru jista' jistabbilixxi bil-għan li jispjega jew li juri ċar il-proposti fil-pjan; u kull diagramma, illustrazzjoni u informazzjoni deskrittiva bħal dik għandha titqies bħala parti mill-pjan.

(iv) Meta jiġu formulati l-proposti fi pjan lokali l-Ministru għandu jassigura li l-proposti jkunu b'mod ġenerali jaqblu mal-pjan ta' struttura kif approvat mill-Kamra u għandu jikkunsidra kull informazzjoni u kull konsiderazzjoni oħra li jkunu jidhrulu li huma rilevanti.

(v) Il-proċedura msemmija fis-subartikoli (6), (7) u (8) ta' dan l-artikolu għandha tkun segwita *mutatis mutandis* fit-tħejjija u approvazzjoni ta' pjani lokali.

(10) Fit-twettiq tal-funzjonijiet u l-proċeduri msemmija fis-subartikoli (4), (6), (8) u (9) ta' dan l-artikolu l-Ministru għandu jikkonsulta mal-Kumitat tal-Kamra.

(11) Meta l-pjan ta' struttura jkun ġie approvat, il-Ministru jista' biss jagħti permessi li jkunu skond il-prinċipji u l-*policies* stabbiliti fil-pjan ta' struttura u, barra minn hekk, meta pjan lokali jkun ġie approvat għal area partikolari, il-Ministru jista' biss jagħti permessi għad-demolizzjoni u tlugħ ta' bini f'dik l-area, skond dak il-pjan lokali.

**5.** (1) Sa dak iż-żmien li jkun ġie approvat pjan lokali għal area partikolari li tkun tagħmel parti minn area żviluppata, il-Ministru jista' jagħmel proġetti ta' pjani regulaturi (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsemmija bħala proġett) dwar dik l-area skond is-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu. Il-Ministru jista' jagħmel proġetti ta' pjani regulaturi.

(2) Meta l-Ministru jkollu ħsieb li jagħmel proġett jew li jagħmel emenda għal proġett, huwa għandu:

(a) qabel ma japprova proġett bħal dak jew emenda, iħejji Proposta ta' Proġett ta' Pjan Regulatur (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "proposta") li għandha tinkludi dawk il-pjanti,

kundizzjonijiet dwar żoni u dak it-tagħrif deskrittiv ieħor li jista' jkun meħtieġ biex juri kif dan il-proġett jew emenda ser ikunu;

(b) kemm jista' jkun malajr wara t-tħejjija tal-proposta jqiegħed kopja tagħha fuq il-Mejda tal-Kamra u minnufih jieħu ħsieb biex kopja oħra titqiegħed fl-uffiċċju tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet, u dik il-kopja tkun miftuħa għal spezzjoni pubblika għal żmien ta' 30 jum. Id-Direttur tax-Xogħlijiet għandu jieħu ħsieb li jiġi ppubblikat avviż fil-Gazzetta u f'mhux inqas minn żewġ gazzetti ta' kuljum, fejn juri l-ġranet u l-ħinijiet, li fihom u matulhom il-proposta għandha tkun miftuħa għall-ispezzjoni pubblika;

(ċ) jagħti żmien ta' mhux inqas minn 30 jum mid-data li fiha l-proposta kienet għall-ewwel darba miftuħa għall-ispezzjoni pubblika, matul liema żmien il-proposta għandha tiġi kunsidrata mill-Kumitat tal-Kamra u kull persuna jew korp ta' persuni jistgħu jissottomettu kull kumment tagħhom bil-miktub lill-Ministru li fihom tingħata kull raġuni għaliex il-proġett jew emenda maħsubin ma għandhomx ikunu approvati jew għandhom ikunu approvati wara li jkunu emendati;

(d) kemm jista' jkun malajr wara li ż-żmien imsemmi fl-aħħar paragrafu ta' qabel dan ikun skada, u f'kull każ mhux aktar tard mill-ewwel seduta tal-Kamra wara li jgħaddi perijodu ieħor ta' ġimgħa, iqiegħed il-veduti tal-Kumitat tal-Kamra u kopja tal-kummenti kollha li jkun hekk irċieva fuq il-Mejda tal-Kamra;

(e) wara li jkun osserva l-provvedimenti tal-paragrafu li jiġi minnufih qabel dan, jirtira jew japprova l-proġett kif introdott fil-proposta jew kif mibdul skond kif seta' ġie suġġerit mill-Kumitat tal-Kamra jew f'xi kummenti magħmula skond il-paragrafu (ċ) ta' dan is-subartikolu, u jippubblika l-proġett approvat fil-Gazzetta;

Iżda l-Ministru ma għandux japprova proġett jekk dak il-proġett ma jkunx ġie qabel ikkonsidrat u approvat mill-Kumitat tal-Kamra:

Iżda wkoll meta l-Ministru jkollu l-ħsieb li japprova proġett kif mibdul hekk kif seta' ġie suġġerit kif imsemmi qabel, u dawn il-bidliet huma ta' sura li jibdlu sostanzjalment l-iskop tal-proposta oriġinali, il-Ministru għandu qabel ma japprova proġett bħal dak jinkorpora dawk il-bidliet fi proposta ġdida u d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom japplikaw għal dan.

(3) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, il-Ministru jista' mingħajr ma jirreferi lil xi awtorità oħra, jagħmel tibdil fil-linja ta' bini u ta' toroq fi proġett, sakemm dak it-tibdil ma jkunx jeffettwa l-kundizzjonijiet dwar żoni tiegħu.

Permessi għat-tlugħ ta' bini f'arei żviluppati.

(4) Fil-każ tat-tlugħ jew demolizzjoni ta' bini f'area żviluppata li ma tkunx area li jkun ġie approvat għaliha pjan lokali, il-Ministru jista' biss jagħti permessi:

(a) fejn proġett ikun ġie approvat għar-rigward ta' l-art li fuqha jkun ser jittella' jew jiġi demolit bini, skond dak il-proġett; u

(b) fejn ebda proġett ma jkun hekk ġie approvat, skond

*policy* magħmula għal dak il-għan mill-Ministru u approvata mill-Kumitat tal-Kamra.

(5) Fil-każ tat-tlugħ jew demolizzjoni ta' bini 'l barra minn area żviluppata li ma tkunx area li għaliha jkun ġie approvat pjan lokali l-Ministru jista' jagħti biss permessi: Permessi għal bini 'l barra minn arei żviluppati.

(a) skond *policy* magħmula għal dan il-għan mill-Ministru u approvata mill-Kumitat tal-Kamra u ppubblikata fil-Gazzetta; jew

(b) meta l-għoti ta' dak il-permess ikun awtorizzat b'riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra.

(6) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (4) u (5) ta' dan l-artikolu l-Ministru jista' wara li jikkonsulta lill-Kumitat tal-Kamra jawtorizza li jittella':

(a) bini li għandu jinbena fuq biċċiet ta' art akkwistati mingħand l-Awtorità tad-Djar;

(b) bini li għall-kostruzzjoni speċifika tiegħu tkun ġiet trasferita art lil xi persuna mill-Gvern.

(7) Bla ħsara għal kull setgħa oħra taħt din il-liġi jew xi liġi oħra, il-Ministru jista' qabel ma jikkunsidra jekk għandux jagħti permess skond din il-liġi, jordna lil min ikun applika sabiex jagħti dik il-pubbliċità lill-applikazzjoni tiegħu b'dak il-mod li l-Ministru jista' jqis neċessarju sabiex il-pubbliku jkun jista' jsir jaf bl-applikazzjoni u jkun jista' jkollu l-opportunità li jagħmel kull kumment dwarha.

(8) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu l-espressjoni "approvata mill-Kumitat tal-Kamra" tfisser approvata b'deċiżjoni ta' dak il-kumitat appoġġata mill-voti ta' mhux anqas minn erbgħa mill-membri tiegħu; u fejn ma jkunx hemm dik l-approvazzjoni, dik l-espressjoni tfisser approvata b'riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati:

Iżda meta l-Kamra hekk tirriżolvi, ma jkunx hemm ħtieġa ta' ebda awtorità oħra.

**6.** (1) Meta, fit-twettiq tad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 3 ta' dan l-Att, pjan ta' struttura li jkun sar u ġie approvat kif provdut fl-artikolu 4 ta' dan l-Att, jew pjan regulatur li jkun sar u ġie approvat kif provdut fl-artikolu 5 ta' dan l-Att, ikun ipprovda għal arei ta' art bi prezz irħis għall-promozzjoni ta' *home-ownership* (li jkunu arei li ma jinkludux art tajba għall-bini kif imfisser fl-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi), u dak il-pjan regulatur, jew fil-każ ta' pjan ta' struttura, wieħed jew aktar pjani lokali wkoll approvati kif imsemmi qabel, ikunu indikaw dawk l-arei (hawn aktar 'il quddiem imsejħa "Arei ta' *home-ownership*") billi jingħataw id-dettalji meħtieġa sabiex tkun tista' tintgħaraf l-art li għaliha jirriferu, għandhom japplikaw dawn is-subartikoli li ġejjin ta' dan l-artikolu għar-rigward ta' dawk l-arei ta' *home-ownership*. Akkwist ta' art. Kap. 136.

(2) B'seħħ mid-data ta' l-approvazzjoni tal-pjan lokali jew pjan regulatur rilevanti, kif ikun il-każ —

(a) l-art kollha li tkun hemm indikata bħala arei ta' *home-ownership* għandha, bis-saħħa ta' dan l-Att u mingħajr ebda ħtieġa ta' att jew formalità oħra, titqies għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, li tkun art akkwistata għal skop pubbliku b'xiri assolut u bi proprjetà assoluta, libera u franka minn kull piż, ipoteka jew privileġġ, taħt id-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza msemmija qabel, u għandha tiġi hekk vestita fil-Gvern: u meta jsir dan, id-dispożizzjonijiet kollha ta' l-Ordinanza msemmija li ma jkunux inkompatibbli ma' dan l-Att għandhom japplikaw għal dik l-art bl-istess mod u taħt l-istess kundizzjonijiet daqs li kieku l-art kienet ġiet akkwistata għal skop pubbliku b'xiri assolut taħt l-Ordinanza msemmija;

Att Nru. XVI ta' l-1967.

(b) il-kirjiet kollha li l-art tista' tkun suġġetta għalihom qabel dik id-data għandhom, minkejja d-dispożizzjonijiet ta' l-Att ta' l-1967 dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba', jew ta' xi liġi oħra, jintemmu bis-saħħa ta' dan l-Att u mingħajr ebda att ieħor jew formalità oħra meħteġin mill-liġi; u meta jsir dan id-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza msemmija għandhom japplikaw għal dawk il-kirjiet u għall-ħlas ta' kumpens dwarhom.

(3) Kull min ikollu xi interess jew xi jedd fuq l-art li dan is-subartikolu japplika għaliha jista' jmur quddiem il-Bord ta' Arbitraġġ dwar Artijiet imwaqqaf bl-Ordinanza msemmija u quddiem il-Qorti Ċivili, Prim'Awla, sabiex jiġi deċiż il-jedd tagħha fuq jew interess f'dik l-art u l-ammont ta' kull kumpens li jista' jkollu jedd għalih u sabiex tikseb il-ħlas għal dak il-kumpens; u d-dispożizzjonijiet kollha tal-liġi relattivi għal proċeduri quddiem il-Bord jew il-Qorti msemmija f'każijiet ta' akkwist ta' art għal skop pubbliku għandhom, *mutatis mutandis,* japplikaw għal proċeduri meħudin minn dik il-persuna taħt dan l-Att; u l-Bord ta' Arbitraġġ dwar Artijiet u l-Qorti Ċivili msemmijin ikunu vestiti b'ġurisdizzjoni f'każijiet bħal dawn.

(4) Kull persuna bħal dik imsemmija fis-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu għandha jkollha wkoll dritt għal appell minn kull deċiżjoni tal-Bord ta' Arbitraġġ dwar Artijiet jew tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla, lill-Qorti ta' l-Appell; u d-dispożizzjonijiet tal-liġi li għandhom x'jaqsmu ma' proċeduri ta' appell minn deċiżjonijiet tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla, għal quddiem il-Qorti ta' l-Appell għandhom japplikaw għal appell li jsir taħt dan l-artikolu; u l-Qorti ta' l-Appell għandu jkollha ġurisdizzjoni f'każijiet bħal dawn.

(5) Fid-deċiżjoni dwar xi kumpens li għandu jitħallas dwar xi art li tkun ittieħdet b'mod obbligatorju taħt dan l-artikolu, il-Bord ta' Arbitraġġ dwar Artijiet, il-Qorti Ċivili u l-Qorti ta' l-Appell għandhom jikkunsidraw fatturi u ċirkostanzi, u jimxu mal-kriterji, li jinsabu hawn imsemmijin fl-interess nazzjonali, jiġifieri:

(i) ir-regolament ta' l-użu ta' l-art u ta' l-iżvilupp ta' l-art, għalkemm maħsub għal għanijiet oħra, inevitabbilment jgħolli l-valur ta' l-art li fuqha jitħalla jsir l-iżvilupp iżjed mill-valur li kieku kien ikollha, u dan il-valur miżjud għandu jkun ta' benefiċċju għall-komunità kollha;

(ii) il-ġustizzja soċjali titlob li art għandha tkun disponibbli għall-*home-ownership* anki għal dawk il-familji b'mezzi limitati u għalhekk bi prezz baxx;

(iii) l-art li tkun ser tiġi indikata għal dan l-għan tinħtieġ b'dan l-Att li tintgħażel b'mod li tikkaġuna l-inqas piż fuq is-sidien, kompatibilment mal-ħtiġiet ta' pjanar xieraq;

(iv) il-kumpens li jitħallas għandu, għalhekk, ikun limitat għall-valur ta' l-art skond l-użu li jkun qiegħed isir minnha, jew kemm jista' jkun daqs dak il-valur daqskemm ikun ġust fiċ-ċirkostanzi tal-każ u fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet imsemmijin;

(v) il-kumpens ma għandu f'ebda każ jintlaqat minn xi ħaġa li ssir jew li tiġri wara li jkun sar pubblikament magħruf illi l-art tkun tista' tiġi hekk vestita; u dan l-għarfien pubbliku għandu jkun preżunt jekk kopja ta' abbozz ta' pjan ta' struttura jew pjan lokali, jew Proposta ta' Pjan Regulatur, li jkun fihom provvediment għal art bħal dik imsemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, tkun ġiet pubblikata taħt dan l-Att.

(6) Mhux iktar tard minn tliet xhur wara li l-art tkun ġiet vestita fil-Gvern taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, il-Kummissarju ta' l-Art għandu jieħu ħsieb li jiġi reġistrat fir-Reġistru ta' l-Artijiet, l-akkwist ta' dik l-art mill-Gvern, u għall-finijiet ta' l-Att ta' l-1981 dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Artijiet, l-art kollha li tiġi hekk vestita għandha titqies li tkun area li tkun ġiet dikjarata bħala area ta' reġistrazzjoni; u kemm jista' jkun malajr wara dan, il-Kummissarju ta' l-Art għandu jinnotifika lil kull min huwa jkun jaf li għandu interess jew jedd fi jew fuq l-art imsemmija b'ittra uffiċjali li tkun tindika liema hi l-art relattiva, u li tkun tinfurmah bid-drittijiet li għandu taħt dan l-Att. Att Nru. XXXV ta' l-1981.

(7) Il-jedd li jiġi rċevut kumpens għal akkwist magħmul bis-saħħa ta' dan l-artikolu (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "Il-Jeddijiet għal Kumpens") għandu għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, jitqies li hu jedd immobbli minħabba l-oġġett li għalih jirreferi u jkun trasferit skond il-liġi skond kif jagħżel minn żmien għal żmien is-sid ta' dawk il-Jeddijiet għal Kumpens.

(8) Kull piż, ipoteka jew privileġġ li qabel l-akkwist magħmul bis-saħħa ta' dan l-artikolu, kien jaggrava art li tkun ġiet inkluża f'area ta' *home-ownership,* għandu jkompli jaggrava l-Jeddijiet għal Kumpens li jirriferu għal dik l-art, bl-istess grad u skond l-istess preċedenza kif kienu jaggravaw l-art.

**7.** Mingħajr preġudizzju għal kull setgħa oħra taħt din il-liġi jew xi liġi oħra, il-Ministru jista' fl-għoti ta' permess għad-demolizzjoni ta' xi bini, jimponi dawk il-kundizzjonijiet li jista' jqis li jkunu xierqa dwar it-tlugħ ta' rpar jew struttura oħra madwar is-sit tax-xogħlijiet, sabiex jiżgura li kull inkonvenjenza għal terzi u kull periklu possibbli jiġu minimizzati. Il-Ministru jista' jimponi kundizzjonijiet speċjali fil-permessi.

Arei ta' Preservazzjoni u Konservazzjoni.

Kap. 90

**8.** (1) Bla ħsara għall-Att dwar il-Protezzjoni ta' l-Antikitajiet u d-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra dwar il-protezzjoni tal-wirt storiku, kulturali u naturali ta' Malta, il-Ministru għandu kemm jista' jkun malajr wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att, jiddikjara kull area f'Malta li tkun Area ta' Preservazzjoni u Konservazzjoni.

(2) Il-proċedura stipulata fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 5 għandha titħares għall-approvazzjoni ta' Arei ta' Preservazzjoni u Konservazzjoni.

(3) Arei ta' Preservazzjoni u Konservazzjoni għandhom jiġu dikjarati u approvati dwar:

(a) arei li jkunu delinejati bi preċiżjoni li huma kkunsidrati li jiffurmaw parti mill-wirt kulturali ta' Malta li huma identifikati għall-protezzjoni bħala li għandhom valur kbir f'dik li hi storja, arti jew xjenza u li jinkludu:

(i) monumenti — li jkunu xogħlijiet arkitettoniċi, xogħlijiet ta' skultura monumentali, elementi jew strutturi ta' għamla arkeoloġika, għerien u kombinazzjonijiet ta' fattizzi;

(ii) gruppi ta' bini — li jkunu gruppi ta' bini separat jew konness, bini singulari jew il-viċinanzi immedjati ta' madwarhom.

(iii) siti — li jkunu xogħol-il bniedem jew ix-xogħol kombinat tan-natura u tal-bniedem u arei li jinkludu siti arkeoloġiċi;

(b) arei li jkunu delinejati bi preċiżjoni li huma kkunsidrati li jiffurmaw parti mill-wirt naturali ta' Malta li huma identifikati għall-protezzjoni bħala li għandhom valur kbir f'dik li hi estetika, xjenza, konservazzjoni jew ġmiel naturali u li jinkludu:

(i) fattizzi naturali — magħdudin formazzjonijiet fiżiċi u bijoloġiċi jew gruppi ta' dawk il-formazzjonijiet;

(ii) formazzjonijiet ġeoloġiċi u fiżjografiċi — li jikkostitwixxu l-ambjent fejn igħixu speċi ta' annimali u pjanti mheddin;

(iii) siti naturali;

(ċ) dwar arei ta' attività intensiva f'dik li hi biedja;

(d) dwar arei identifikati għall-protezzjoni bħala li għandhom valur kbir minħabba t-tip ta' arkitettura u żvilupp tagħhom vernakulari, rurali jew modern jew minħabba l-interess storiku, kulturali u arkitettoniku tagħhom.

(4) Fejn area tkun ġiet dikjarata area ta' Preservazzjoni u Konservazzjoni:

(i) taħt il-paragrafu (a) tas-subartikolu (3) il-Ministru għandu jawtorizza biss xogħlijiet ta' bini neċessarji għall-protezzjoni u konservazzjoni ta' bini u strutturi eżistenti;

(ii) taħt il-paragrafu (b) tas-subartikolu (3) il-Ministru għandu jawtorizza biss xogħlijiet ta' bini neċessarji għat-tisbiħ, manutenzjoni u studji xjentifiċi ta' l-arei;

(iii) taħt il-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (3) il-Ministru għandu jawtorizza biss xogħlijiet ta' bini li għandhom x'jaqsmu direttament mal-biedja; u

(iv) taħt il-paragrafu (d) tas-subartikolu (3) il-Ministru għandu jawtorizza biss xogħlijiet ta' bini li jkunu skond il-karatteristiċi ambjentali eżistenti.

(5) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (7) ta' l-artikolu 5 ta' dan l-Att għandhom ikunu japplikaw *mutatis mutandis* għal applikazzjonijiet għal permessi taħt dan l-artikolu.

Ordnijiet ta' Eżekuzzjoni.

**9.** (1) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 17 tal-Kodiċi u bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Protezzjoni ta' l-Antikitajiet, fejn il-Ministru jidhirlu li xi persuna tkun għamlet jew ikkawżat jew ħalliet li ssir xi ħaġa li għaliha kien meħtieġ permess skond is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 16 tal-Kodiċi, meta ma jkunx hemm dak il-permess, jew li xi persuna ma tkunx qegħda żżomm jew tiżgura li jinżammu l-kundizzjonijiet stipulati fil-permess, il-Ministru jista' jordna n-notifika lil dik il-persuna ta' Ordni ta' Eżekuzzjoni li tkun tordna lil dik il-persuna biex ma tkomplix tagħmel, jew tikkawża jew tħalli li ssir dik il-ħaġa li għaliha huwa meħtieġ permess taħt is-subartikolu msemmi, jew li dik il-persuna tosserva dawk il-kundizzjonijiet stipulati fil-permess; u kull persuna li ma tobdix dik l-Ordni ta' Eżekuzzjoni li tiġi notifikata lilha kif imsemmi qabel, tkun ħatja ta' reat kontra dan l-Att u oltre l-piena li tista' teħel taħt xi liġi oħra, teħel meta tinstab ħatja multa ta' elf lira Maltija.

(2) Il-multa msemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandha tinġabar bħala dejn ċivili u għandha tiġi dikjarata mill-qorti kompetenti fl-għoti tas-sentenza li hi dovuta u li għandha titħallas lid-Dipartiment tax-Xogħlijiet u għandha tiġi eżegwita fl-istess qorti li tagħti s-sentenza bl-istess mod bħallikieku ngħatat f'azzjoni ċivili magħmula bejn id-Dipartiment tax-Xogħlijiet u l-ħati.

Tħassar l-Att ta' l-1983 dwar Arei għall-Iżvilupp tal-Bini.

**10.** (1) L-Att ta' l-1983 dwar Arei għall-Iżvilupp tal-Bini huwa b'dan imħassar.

(2) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, id-dispożizzjonijiet ta' l-Att ta' l-1983 dwar Arei għall-Iżvilupp tal-Bini għandhom ikomplu jseħħu:

(i) dwar l-emenda jew it-tħassir ta' dikjarazzjoni magħmula mill-Ministru u adottata mill-Kamra skond l-artikolu 3 ta' dak l-Att, qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att;

(ii) dwar il-ħlas ta' kumpens li jista' jkun dovut lil xi persuna li jkollha dritt fuq jew interess f'xi art li għaliha l-artikolu 5 ta' dak l-Att japplika;

(iii) dwar ir-reġistrazzjoni ta' xi art f'Area għall-Iżvilupp tal-Bini, fir-Reġistru ta' l-Artijiet;

(iv) dwar kull permess għat-tlugħ ta' xi bini mogħti skond id-dispożizzjonijiet ta' dak l-Att, qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att; u

(v) dwar kull reat li sar kontra d-dispożizzjonijiet ta' dak l-Att, u kull responsabbiltà li toħroġ minnu, qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att.

Emenda tal-Kodiċi.

**11.** Il-Kodiċi għandu jkun emendat kif ġej:

(1) fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 16 tiegħu, minflok il-kliem "jew ittella' xi bini" għandhom jidħlu l-kliem "jew tagħmel skavi jew tiddemolixxi jew ittella' xi bini";

(2) Fl-artikolu 17 tiegħu —

(a) minflok il-kliem "ħamsin lira u mhux iżjed minn mitt lira" fis-subartikolu (2) tiegħu, għandhom jidħlu l-kliem "ħamsin lira Maltija u mhux iżjed minn elf lira Maltija";

(b) minflok il-kliem "ħamsin lira" fis-subartikolu (3) tiegħu għandhom jidħlu l-kliem "elf lira Maltija";

(ċ) is-subartikolu (7) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (9);

(d) minnufih wara s-subartikolu (6) tiegħu għandhom jidħlu dawn is-subartikoli ġodda:

"(7) Meta persuna tkun akkużata b'reat taħt dan l-artikolu u f'kull appell minn dikjarazzjoni ta' ħtija taħt dan l-artikolu l-qorti għandha tappunta l-każ għas-smigħ b'urġenza.

(8) Kull multa msemmija f'dan l-artikolu għandha titqies bħala dejn ċivili u għandha tiġi dikjarata mill-qorti kompetenti fl-għoti tas-sentenza li hi dovuta u li għandha titħallas lid-Dipartiment tax-Xogħlijiet u għandha tiġi eżegwita fl-istess qorti li tagħti s-sentenza bl-istess mod bħallikieku ngħatat f'azzjoni ċivili debitament magħmula bejn id-Dipartiment tax-Xogħlijiet u l-ħati."; u

(e) fis-subartikolu (9) tiegħu kif enumerat mill-ġdid, wara l-kliem "ta' dan l-artikolu" għandhom jidħlu l-kliem "ukoll meta l-akkużat jiġi liberat mill-akkuża u l-qorti tkun sodisfatta li l-bini li għalih tkun tirreferi l-akkuża kien ittella' bi ksur ta' dan l-artikolu".

(3) Minnufih wara l-artikolu 17 għandhom jidħlu dawn l-artikoli li ġejjin:

"Konfiska ta' proprjetà li fuqha jittella' bini bi ksur ta' l-artikolu 16.

17A. B'żieda mal-pieni msemmija fl-artikolu 17 ta' dan il-Kodiċi, il-qorti għandha tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' xi dritt li l-ħati jkollu fi jew fuq proprjetà immobbli li dwarha jkun sar ir-reat.

Is-sid jista' jeħles lilu nnifsu minn kull responsabbiltà.

17B. Meta min ikun akkużat taħt l-artikolu 17 ta' dan il-Kodiċi malli jibdew il-proċeduri jew qabel ma jibdew dawk il-proċeduri jipprova li hu s-sid ta' l-art li dwarha jkun sar ir-reat li jikkonsisti fi tlugħ ta' bini jew li mod ieħor għandu d-dritt li jiddisponi minn dik l-art u jiddikjara li ma kienx jaf bit-twettiq tar-reat u jawtorizza lid-Dipartiment tax-Xogħlijiet biex jiddemolixxi kull bini li jkun inbena mingħajr permess

jew mhux skond il-kondizzjonijiet imposti fil-permess, il-qorti ma għandhiex tindaga dwar il-veraċità ta' dik id-dikjarazzjoni, u dak is-sid għandu jinħeles minn kull responsabbiltà taħt l-artikoli 17 u 17A ta' dan il-Kodiċi, u ma' dan id-Dipartiment tax-Xogħlijiet ikun awtorizzat jiddemolixxi dak il-bini, u għandu jwettaq dik id-demolizzjoni.".

**12.** Jekk jingħata jew jinħareġ permess bi ksur ta' xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, min ikun qiegħed jagħti jew joħroġ dan il-permess ikun ħati ta' reat kontra dan l-Att u jeħel meta jinstab ħati multa ta' mhux iżjed minn elf lira Maltija u meta jinstab ħati t-tieni darba jew wara l-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sena jew dik il-multa u priġunerija flimkien. Reati kontra dan l-Att.

**13.** Kull permess mogħti qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att u li jkun għadu fis-seħħ minnufih qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att, għandu minkejja kull ħaġa li tinsab f'dan l-Att, jibqa' fis-seħħ wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att, u għandu jkun jista' jiġġedded u jkompli jkun regolat b'dawk il-liġijiet li kienu fis-seħħ qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att. Riżerva.

**14.** Matul dak iż-żmien li fih dan l-Att jibqa' fis-seħħ: Transitorja.

(a) is-setgħa tal-Ministru li jagħmel proġetti skond l-artikolu 3 tal-Kodiċi hija sospiża; u

(b) il-poter tal-Ministru li jirrivedi d-deċiżjonijiet tal-*Planning Area Permits Board* taħt regolamenti magħmula bis-saħħa ta' l-artikolu 19 tal-Kodiċi, għandu jiġi eżerċitat mill-Kumitat tal-Kamra.

---

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 85 tat-23 ta' Marzu, 1988.

JIMMY FARRUGIA
*Speaker*

P. MUSCAT TERRIBILE
*Aġent Skrivan tal-Kamra tad-Deputati.*